MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 1877/2005

John Baptist Zammit (Id. 337063M).

Vs

Carmelo Farrugia (Id. 501747M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur ppremetta illi huwa kien silef ammont ta' flus lill-konvenut, liema somma giet mislufa '*brevi manu'*; illi din is-somma f'self intuzat sabiex il-konvenut xtara biljetti ta' l-ajru u fi vjaggi; illi ghalhekk il-konvenut huwa debitur lejn l-attur ghas-somma ta' disgha mija u sebgha u hamsin lira Maltin (Lm957.00); illi minkejja diversi tentattivi da parti tal-attur, il-konvenut baqa' inadempjenti. Ghaldaqstant, talab l-attur li dan it-Tribunal jordna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma dovuta minnu. Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa illi (i) preliminarjament il-gudizzju mhux integru, liema haga ser tigi ppruvata waqt it-trattazzjoni tal-kaz; u (ii) illi fil-mertu, l-pretensjoni hi infondata fil-fatt u fid-dritt. Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema' x-xhieda ta' l-attur John Baptist Zammit.

Sema' x-xhieda ta' Christopher Attard prodott mill-attur.

Sema' x-xhieda ta' Stephen Farrugia prodott mill-konvenut.

Ra n-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenut Carmelo Farrugia.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur John Baptist Zammit.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi mill-provi prodotti jirrizultaw bic-car is-segwenti fatti:-

Fl-ewwel lok, l-attur kien jaf lil Stephen Farrugia, u cioe t-tifel tal-konvenut Carmelo Farrugia. Peress illi l-attur kien ta' spiss isiefer lejn id-Dubai, u peress illi dan Stephen Farrugia xtaq jixtri karozza minn hemm, saru xi arrangamenti sabiex il-konvenut, it-tifel tieghu u habib taghhom li jismu Gaetano Cuschieri, jitilghu mal-attur sad-Dubai.

Illi ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt illi l-attur kien (i) xtara l-biljetti ta' l-ajru tal-konvenut, tat-tifel tieghu Stephen Farrugia u anki tal-habib taghhom Gaetano Cuschieri; (ii) kien hallsilhom ukoll il-lukanda; u (iii) meta kienu hemm, kien taghhom il-valur ta' Lm100 kull wiehed

fi flus kontanti. Dan il-fatt, apparti li gie konfermat mill-attur diversi drabi, gie anki ammess mix-xhud Stephen Farrugia li xehed testwalment hekk:- '*Naqbel illi l-ammont mitlub fl-Avviz odjern huwa l-ammont illi s-Sur Zammit kien hallas ghall-vjagg taghna, inkluz 'spending money' illi kien taghna……Naqbel illi l-attur kien hallsilna l-passagg u kien hallsilna l-'spending money'. Kien ukoll hallas ghall-akkomodazzjoni gol-hotel u dan dejjem ghalija u ghal missieri, l-konvenut. Kien hallas ghal Cuschieri li kien gie maghna*.'

Jirrizulta illi waqt li l-partijiet kienu ghadhom Dubai, il-konvenut stess kien talab l-attur sabiex jghidlu x'kien l-ammont globali li kien dovut lilu minnhom lkoll, u meta l-attur gibed kont wiehed, kien il-konvenut stess li hareg il-cheque book tieghu, u talab lill-Gaetano Cuschieri sabiex jiktiblu c-cekk ghall-ammont kollu dovut. Il-konvenut imbaghad iffirma c-cekk u ghaddieh lill-attur.

Illi x-xhud Stephen Farrugia xehed li ghal xi ragunijiet, (li dan it-Tribunal lanqas biss ser jidhol fihom stante li mhux biss ma gewx ippruvati, izda lanqas biss ma jaffettwaw it-talba u l-eccezzjonijiet odjerni), huwa kien ghamel '*stop payment'* fuq ic-cekk in kwistjoni u kien ghalhekk illi l-attur, alavolja pprova jsarraf ic-cekk diversi drabi ma rnexxilux, u b'hekk baqa ma thallasx. It-Tribunal josserva illi se mai kien il-konvenut li ghamel lis-stop payment ghaliex ic-cekk kien tieghu u mhux tat-tifel tieghu, li donnu jrid jaghti l-impressjoni li kollox kien f'idejh.

Illi tenut kont ta' dan kollu, t-Tribunal josserva illi hemm ammissjoni pjena tal-fatt illi l-ammont mitlub mill-attur huwa dovut, u ma ngabet l-ebda raguni valida ghalfejn dan l-ammont misluf m'ghandux jithallas lura lill-attur. Il-fatt illi l-attur sellef dawn il-flus sabiex jithallsu l-ispejjes ta' tlett persuni ma jfissirx illi kellu bilfors imexxi kontra t-tlieta li huma sabiex jithallas lura. Dan jinghad ghaliex fil-mument illi l-konvenut wahdu ddecieda li jhallas lura l-ammont kollu misluf mill-attur permezz ta' cekk wiehed mahrug minnu, huwa assuma d-debitu kollu u r-responsabbilta' tal-hlas kollu.

Skond l-attur, meta ma rnexxilux isarraf ic-cekk, ghaliex kien gie ‘*referred to drawer’*, huwa ghamel kuntatt direttament mal-konvenut li talbu ftit zmien sabiex ikun jista’ jaghmel l-arrangamenti mal-bank biex ic-cekk jissarraf. Kien mbaghad il-konvenut li sussegwentement qal lill-attur li kien ser ihallsu permezz ta’ kontanti – haga li qatt ma saret. Bhala fatt, jirrizulta li l-konvenut fl-ebda hin u mument ma qal lill-attur li ma kienx debitur tieghu ghall-ammont kollu, u anzi baqa baqa jassumi r-responsabbilta’ ghall-hlas tal-ammont kollu.

It-Tribunal josserva li l-konvenut ma telax jixhed sabiex jikkonferma dak li kien qieghed jecepixxi, u/jew almenu sabiex jikkontradixxi dak li xehed l-attur. Ghalhekk it-Tribunal ma jhossx illi ghandu jiskarta dak li xehed l-attur bil-gurament tieghu, u minnflok jemmen il-versjoni ta’ xhud li nzerta t-tifel tal-konvenut, meta l-konvenut ma deherlux li kien hemm il-bzonn jaghti l-versjoni tieghu.

Illi t-Tribunal ma jidhirlux li l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut dwar l-integrita’ tal-gudizzju ghandha tigi akkolta ghaliex l-attur kien altru milli gustifikat meta pproceda biss kontra l-konvenut, wara li dan kien assuma l-obbligu tal-hlas kollu, u meta ma telax jixhed sabiex jipprova mod iehor. Anki t-tieni eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi michuda stante li jirrizulta bl-izjed mod car li l-ammont mitlub mill-attur huwa dovut kollu kemm hu.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa t-talba attrici u jikkundanna l-konvenut sabiex ihallas l-ammont ta’ elfejn, mitejn u disgha u ghoxrin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (2229.21). L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica W. Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------